A.L. 292 ta' l-2002

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT
(ATT NRU. XX TA' L-2002)

Regolamenti ta' l-2002 dwar Sustanzi li Jbattlu s-Saff ta' l-Ożonu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9 u 11 ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru ta' l-Intern u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li gejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar Sustanzi li Jbattlu s-Saff ta' l-Ożonu. Titolu.

2. (a) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispossizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti. Bidu fis-seħħ.

(b) Avviż magħmul skond il-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament jista' jagħmel dawk id-disposizzjonijiet transitorji li jkunu jidħru lill-Ministru li jkunu meħtiega jew spedjenti in konnessjoni mad-disposizzjonijiet li jkunu qed jingiebu fis-seħħ.

3. Dawn ir-regolamenti għandhom jikkontrollaw il-produzzjoni, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, t-tqegħid fis-suq, l-użu, l-irkuprar, ir-riċiklaġġ u r-reklamazzjoni u distruzzjoni ta' klorofluworokarbonji, klorofluworokarbonji totalment aloġenati oħra, aloni, tetraklorur tal-karbonju, 1,1,1-trikloroetanu, bromur tal-metil, idrobromofluworokarbonji u idroklorofluworokarbonji, filwaqt li jeħtiegu li tkun rappurtata informazzjoni fuq dawn is-sustanzi u fuq l-importazzjoni, l-esportazzjoni, t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti u tagħmir li jkun fihom dawn is-sustanzi: Għan.

Iżda dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw ukoll għall-produzzjoni, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' sustanzi f'Anness II.

Tifsiriet.

4. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

"Protokoll" tfisser il-Protokoll ta' Montreal ta' l-1987 dwar Sustanzi li Jbattlu s-Saff ta' l-Ożonu, kif l-aħħar emendati u aġġustati;

"Parti" kull min hu parti fil-Protokoll;

"Stat li mhux parti fil-Protokoll", fir-rigward ta' xi sustanza kkontrollata partikolari, tinkludi kull Stat jew organizzazzjoni li tintegra ekonomija reġjonali li ma qablitx li tintrabat bid-dispożizzjonijiet tal-Protokoll applikabbli għal dik is-sustanza;

"sustanzi kkontrollati" tfisser klorofluworokarbonji, klorofluworokarbonji totalment aloġenati oħra, aloni, tetraklorur tal-karbonju, 1,1,1-trikloroetanu, bromur tal-metil, idrobromofluworokarbonji u idroklorofluworokarbonji, kemm jekk waħedhom jew f'taħlita, u kemm jekk fi stat verġni, rkuprat, riċiklat jew reklamat. Din it-tifsira m'għandhiex tkopri xi sustanza kkontrollata li tkun fi prodott manifatturat li ma jkunx kontenitur użat għall-ġarr jew il-ħżin ta' dik is-sustanza, jew kwantitajiet insinifikanti ta' xi sustanza kkontrollata, li joriginaw mill-produzzjoni involontarja jew koinċidentali waqt il-proċess tal-manifattura, jew ta' *unreacted feedstock*, jew mill-użu bħala aġent ta' proċessar li jkun preżenti f'sustanzi kimiċi bħala traċċa ta' impuritajiet, jew li jintefa' fl-arja waqt il-manifatturar jew it-tqandil tal-prodott;

"klorofluworokarbonji" (CFCs) tfisser is-sustanzi kkontrollati elenkati fi Grupp I ta' Anness I, inklużi l-isomeri tagħhom;

"klorofluworokarbonji totalment aloġenati oħra" tfisser is-sustanzi kkontrollati elenkati fi Grupp II ta' Anness I, inklużi l-isomeri tagħhom;

"aloni" tfisser is-sustanzi kkontrollati elenkati fi Grupp III ta' Anness I, inklużi l-isomeri tagħhom;

"tetraklorur tal-karbonju" tfisser is-sustanza kkontrollata speċifikata fi Grupp IV ta' Anness I;

"1,1,1-trikloroetanu" tfisser is-sustanza kkontrollata speċifikata fi Grupp V ta' Anness I;

"bromur tal-metil" tfisser is-sustanza kkontrollata speċifikata fi Grupp VI ta' Anness I;

"idrobromofluworokarbonji" tfisser is-sustanzi kkontrollati elenkati fi Grupp VII ta' Anness I, inklużi l-isomeri tagħhom;

"idrokloroffuworokarbonji" (HCFCs) tfisser is-sustanzi kkontrollati elenkati fi Grupp VIII ta' Anness I, inklużi l-isomeri tagħhom;

"sustanzi godda" tfisser sustanzi elenkati f'Anness II, kemm jekk waħedhom jew f'taħlita, u kemm jekk fi stat verġni, rkuprat, riċiklat jew reklamat. Din id-definizzjoni m'għandhiex tkopri xi sustanza li tkun fi prodott manifatturat minbarra kontenitur użat għall-ġarr jew il-ħżin ta' dik is-sustanza, jew kwantitajiet insinifikanti ta' xi sustanza, li joriginaw minn produzzjoni involontarja jew koinċidentali waqt il-proċess tal-manifattura, jew minn *unreacted feedstock*;

"*feedstock*" tfisser kull sustanza kkontrollata jew sustanza gdida li tgħaddi minn trasformazzjoni kimika fi proċess li bih tinbidel għalkollox mill-kompożizzjoni oriġinali tagħha u li l-emissjonijiet tagħha huma insinifikanti;

"aġent ta' pproċessar" tfisser sustanzi kkontrollati użati bħala aġenti ta' pproċessar fl-applikazzjonijiet elenkati f'Anness VI, fi stallazzjonjiet li kienu jeżistu nhar l-1 ta' Settembru 1997, u fejn l-emissjonijiet huma insinifikanti;

"produttur" tfisser kull persuna naturali jew legali li timmanifattura sustanzi kkontrollati fil-Komunità;

"produzzjoni" tfisser l-ammont ta' sustanzi kkontrollati prodotti, wara li jitnaqqas l-ammont distrutt b'teknologiji approvati mill-Partijiet u wkoll l-ammont użat kollu kemm hu bħala *feedstock* jew bħala aġent ta' pproċessar fil-manifattura ta' kimiki oħra. Ebda ammont irkuprat, riċiklat jew reklamat m'għandu jitqies bħala "produzzjoni";

"potenzjal ta' tnaqqis ta' l-ożonu" tfisser iċ-ċifra speċifikata fit-tielet kolonna ta' Anness I li tirrappreżenta l-effett potenzjali ta' kull sustanza kkontrollata fuq is-saff ta' l-ożonu;

"livell ikkalkulat" tfisser kwantità li tasal għaliha billi timmoltiplika l-kwantità ta' kull sustanza kkontrollata bil-potenzjal tagħha li tbattal l-ozonu u billi tgħodd flimkien, għal kull grupp ta' sustanzi kkontrollati f'Anness I separatament, iċ-ċifri li jirriżultaw;

"razzjonalizzazzjoni industrijali" tfisser it-trasferiment jew bejn il-Partijiet jew fi Stat ta' l-Unjoni Ewropea tal-livell ikkalkulat ta' produzzjoni kollu jew parti minnu minn produttur għal ieħor, bil-għan li titkabbar kemm jista' jkun l-effiċjenza ekonomika jew biex ikun hemm rispons għal nuqqasijiet antiċipati fil-provvista kkaġunati mill-għeluq ta' impjanti;

"tqegħid fis-suq" tfisser il-provvista jew disposnibilità lil terzi persuni, bi ħlas jew b'xejn, ta' sustanzi kkontrollati jew prodotti li jkun fihom sustanzi kkontrollati koperti b'dawn ir-regolamenti;

"użu" tfisser l-utilizzazzjoni ta' sustanzi kkontrollati fil-produzzjoni jew il-manutenzjoni, partikolarment fil-mili mill-ġdid, ta' prodotti jew tagħmir jew fi proċessi oħra li ma jkunux dawk ta' użu bħala *feedstock* u aġent ta' pproċessar;

"sistema ta' arja kkondizzjonata / ppumpjar tas-sħana riversibbli" tfisser taħlita ta' partijiet li jkun fihom sustanza li tkessaħ, konnessi ma' xulxin u li jikkostitwixxu ċirkwit wieħed ta' tkessiħ magħluq, li fih is-sustanza li tkessaħ hija ċċirkolata bil-għan li tiġbed 'il barra u tarmi s-sħana (ngħidu aħna tkessiħ, tisħin), proċessi li huma riversibbli għaliex l-evaporaturi u l-kondensaturi huma ddisinjati biex ikunu jistgħu jibdlu l-funzjonijiet tagħhom ma' xulxin;

"ipproċessar mad-dħul" għandha titfisser skond ir-regolamenti tad-dwana viġenti;

"rkuprar" tfisser il-gbir u l-ħżin ta' sustanzi kkontrollati, bħal b'makkinarju, tagħmir u kontenituri ta' trażżin waqt manutenzjoni jew qabel dawn jintremew;

"riċiklar" tfisser l-użu mill-gdid ta' sustanza kkontrollata rkuprata wara proċess ta' tindif bażiku bħalma huma filtrar u tnixxif. Fil-każ ta' sustanzi li jkesshu, riċiklaġġ normalment jinvolvi l-iċċarġjar mill-ġdid fl-istess tagħmir billi spiss isir fil-post;

"reklamazzjoni" tfisser l-ipproċessar mill-gdid u t-titjib ta' sustanza kkontrollata rkuprata permezz ta' proċessi bħal filtrar, tnixxif, distillar u trattament kimiku biex is-sustanza terġa' tittella' għal-livell ta' operat speċifikat, li spiss jinvolvi pproċessar barra mill-post f'faċilità ċentrali;

"intrapriża" tfisser kull persuna naturali jew legali li tipproduċi, tirriċikla biex tqiegħed fis-suq jew tuża sustanzi kkontrollati għal għanijiet industrijali jew kummerċjali f'Malta, li

tohroġ għall-bejgħ tali sustanzi importati għal ċirkolazzjoni ħielsa f'Malta, jew li tesporta tali sustanzi minn Malta għal għanijiet industrijali jew kummerċjali;

"Awtorità Kompetenti" tfisser l-Awtorità Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kif preskritt b'avviz fil-Gazzetta intitolat Nomina ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bħala l-awtorità kompetenti, jew tali korp jew persuna oħra li l-Ministru responsabbli għall-Ambjent jista' b'ordni fil-Gazzetta jippreskrivi u jistgħu jkunu hekk imsemmija bħala l-awtorità kompetenti korpi jew persuni differenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Kontroll tal-produzzjoni ta' sustanzi kkontrollati.

5. (1) Bla ħsara għas-subregolamenti (5) sa (8), għandha tkun ipprojbita l-produzzjoni ta' dawn il-gejjin:

(a) klorofluworokarbonji;

(b) klorofluworokarbonji totalment aloġenati oħra;

(ċ) aloni;

(d) tetraklorur tal-karbonju;

(e) 1,1,1-trikloroetanu;

(f) idrobromofluworokarbonji:

Iżda li l-awtorita kompetenti għandha tapplika l-kriterji mniżżlin fid-Deċiżjoni IV/25 tal-Partijiet biex tiddetermina kull sena kull użu essenzjali li għalihom tista' tkun permessa l-produzzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kkontrollati li hemm referenza għalihom fl-ewwel subparagrafu u għandha tiddetermina wkoll min huma dawk li jistgħu jieħdu vantaġġ minn kull użu bħal dak essenzjali:

Iżda wkoll produzzjoni u importazzjoni bħal dawk għandhom ikunu permessi biss jekk ebda alternattiva adegwata jew sustanza kkontrollata riċiklata jew reklamata li hemm referenza għalihom fl-ewwel sub-paragrafu ma jistgħu jingiebu mingħand xi waħda mill-Partijiet.

(2) (i) Bla ħsara għas-subregolamenti (5) sa (8), kull produtur għandu jiżgura li:

(a) il-livell ikkalkulat tal-produzzjoni tiegħu ta' bromur tal-metil fil-perjodu 1 ta' Jannar sa 31 ta' Diċembru 2003 u

f'kull perjodu ta' 12-il xahar wara dan ma jaqbiżx 25% tal-livell ikkalkulat tal-produzzjoni tiegħu ta' bromur tal-metil fl-1991;

(b) ma jipproduċi ebda bromur tal-metil wara Diċembru 2004. Il-livelli kkalkulati li hemm referenza għalihom fis-sub-paragrafi (a) u (b) m'għandhomx jinkludu l-ammont ta' bromur tal-metil prodott għal applikazzjonijiet ta' kwarantina u ta' qabel it-tagħbija għall-esportazzjoni.

(ii) L-awtorità kompetenti tista' tapplika l-kriterji mniżżlin fid-Deċiżjoni IX/6 tal-Partijiet, flimkien ma' kriterji rilevanti oħra miftehmin mill-Partijiet, biex tiddetermina ta' kull sena kull użu kritiku li minħabba fih il-produzzjoni, l-importazzjoni u l-użu ta' bromur tal-metil jistgħu jkunu permessi wara l-31 ta' Diċembru 2004, il-kwantitajiet u l-użu li għandhom ikunu permessi, u min huma dawk li jistgħu jieħdu vantaġġ minn din l-eżenzjoni kritika:

Iżda produzzjoni u importazzjoni għal dawk għandhom ikunu permessi biss jekk ebda alternattiva adegwata jew bromur tal-metil riċiklat jew reklamat ma jistgħu jingiebu mingħand xi waħda mill-Partijiet:

Iżda wkoll l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-użu temporanju ta' bromur tal-metil, f'emerġenza, meta tifqigħat mhux mistennija ta' insetti jew mard partikolari jitolbu dan, u tali awtorizzazzjoni għandha tapplika għal perjodu li ma jaqbiżx il-120 ġurnata u għal kwantita li ma taqbiżx l-20 tunnellata.

(3) Bla ħsara għas-subregolament (8), kull produttur għandu jiżgura li:

(a) il-livell ikkalkulat tal-produzzjoni tiegħu ta' idroklorofluworokarbonji fil-perjodu 1 ta' Jannar 2008 sa 31 ta' Diċembru 2008 u f'kull perjodu ta' 12-il xahar wara dan ma taqbiżx 35% tal-livell ikkalkulat tal-produzzjoni tiegħu ta' idroklorofluworokarbonji fl-1997;

(b) il-livell ikkalkulat tal-produzzjoni tiegħu ta' idroklorofluworokarbonji fil-perjodu 1 ta' Jannar 2014 sa 31 ta' Diċembru 2014 u f'kull perjodu ta' 12-il xahar wara dan ma taqbiżx 20% tal-livell ikkalkulat tal-produzzjoni tiegħu ta' idroklorofluworokarbonji fl-1997;

(ċ) il-livell ikkalkulat tal-produzzjoni tiegħu ta' idroklorofluworokarbonji fil-perjodu 1 ta' Jannar 2020 sa 31 ta'

Diċembru 2020 u f'kull perjodu ta' 12-il xahar wara dan ma taqbiżx 15% tal-livell ikkalkulat taʼ produzzjoni tiegħu ta' idroklorofluworokarbonji fl-1997;

(d) ma jipproduċi ebda idroklorofluworokarbonji wara l-31 ta' Diċembru 2025.

(4) L-awtorità kompetenti għandha toħroġ liċenzji li dawk identifikati skond it-tieni paragrafu tas-subregolament (1) u t-tieni paragrafu tas-subregolament (2) u għandha tinnotifikahom dwar l-użu li għalih għandhom awtorizzazzjoni u dwar is-sustanzi u kwantitajiet tagħhom li huma awtorizzati jużaw.

(5) Produttur jista' jkun awtorizzat mill-awtorità kompetenti biex jipproduċi s-sustanzi kkontrollati li hemm referenza għalihom fis-subregolamenti (1) u (2) għall-għan li jintlaqgħu t-talbiet li dwarhom hemm liċenza skond is-subregolament (4).

(6) L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza produttur biex jaqbeż il-livelli kkalkulati ta' produzzjoni mniżżlin fis-subregolamenti (1) u (2) biex jissodisfa l-ħtiġiet domestiċi bażiċi tal-Partijiet bis-saħħa ta' Artiklu 5 tal-Protokoll, b'dan iżda li l-livelli kkalkulati ta' produzzjoni addizzjonali ma jaqbżux dawk permessi għal dak l-għan minn Artikoli 2A sa 2E u 2H tal-Protokoll għall-perjodu in kwestjoni.

(7) L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza produttur biex jaqbeż il-livelli kkalkulati ta' produzzjoni mniżżlin fis-subregolamenti (1) u (2) biex jissodisfa xi użu essenzjali, jew kritiku, tal-Partijiet li jitolbu dan, u bla ħsara għal-limitu permess mill-Protokoll.

(8) Safejn jippermetti l-Protokoll, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza produttur barrani li l-produzzjoni rilevanti tiegħu qiegħda hawn Malta biex jaqbeż il-livelli kkalkulati ta' produzzjoni mniżżlin fis-subregolamenti (1) sa (7) għall-għanijiet ta' razzjonalizzazzjoni industrijali:

Iżda l-livelli kkalkulati ta' produzzjoni ma għandhomx jaqbżu t-total tal-livelli ta' produzzjoni kkalkulati tal-prodotti domestiċi tagħha kif imniżżel fis-subregolamenti (1) sa (7) għall-perjodi inkwistjoni.

Kontroll tat-tqegħid fis-suq u ta' l-użu ta' sustanzi kkontrollati.

6. (1) Bla ħsara għas-subregolamenti (4) u (5), it-tqegħid fis-suq u l-użu tas-sustanzi kkontrollati li ġejjin għandu jkun ipprojbit:

(a) klorofluworokarbonji;

(b) klorofluworokarbonji totalment aloġenati oħra;

(ċ) aloni;

(d) tetraklorur tal-karbonju;

(e) 1,1,1-trikloroetanu; u

(f) idrobromofluworokarbonji.

L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza ezenzjoni temporanja biex tippermetti l-użu ta' klorofluworokarbonji sal-31 ta' Diċembru 2004 f'mekkaniżmi ta' konsenja għal apparati ssiġillati ermetikament iddisinjati għall-implantazzjoni fil-ġisem uman biex jingħataw f'doži meqjusin ta' medikazzjoni, u sal-31 ta' Diċembru 2008, f'applikazzjonijiet militari eżistenti, meta jintwera li, għal użu partikolari, ma jinstabux sustanzi alternattivi teknikament u ekonomikament possibbli jew dawn ma jkunux jistgħu jintużaw.

(2) (i) Bla ħsara għas-subregolamenti (4) u (5), kull produttur u importatur għandu jiżgura li:

(a) il-livell ikkalkulat ta' bromur tal-metil li jqiegħed fis-suq jew juża għalih innifsu fil-perjodu 1 ta' Jannar 2003 sa 31 ta' Diċembru 2003 u f'kull perjodu ta' 12-il xahar wara dan ma jaqbiżx 25% tal-livell ikkalkulat ta' bromur tal-metil li jkun qiegħed fis-suq jew uża għalih innifsu fl-1991;

(b) ma jqiegħed ebda bromur tal-metil fis-suq jew jużah għalih innifsu wara l-31 Diċembru 2004:

Iżda safejn hu permess mill-Protokoll, l-awtorita kompetenti għandha taġġusta l-livell ikkalkulat ta' bromur tal-metil li hemm referenza għalih fir-regolament 5(2) (a) meta jintwera li hu meħtieġ li jintlaħqu l-ħtiġiet ta' l-Istat għaliex ma jinstabux alternattivi u sostituti teknikament u ekonomikament possibbli li huma aċċettabbli mil-lat ta' l-ambjent u s-saħħa jew dawn ma jkunux jistgħu jintużaw:

Iżda wkoll l-awtorita kompetenti, f'konsultazzjoni ma' Stati oħra, għandha tinkoraġġixxi l-iżvilupp, inkluża r-riċerka, u l-użu ta' alternattivi għal bromur tal-metil kemm jista' jkun malajr.

(ii) Bla ħsara għas-subregolament (4), it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' bromur tal-metil minn intrapriżi minbarra produtturi u importaturi għandu jkun ipprojbit wara l-31 ta' Diċembru 2005.

(iii) (a) Il-livelli kkalkulati li hemm referenza għalihom fis-sub-paragrafi (i) (a) u (b), u (ii) m'għandhomx jinkludu l-

ammont ta' bromur tal-metil prodott jew impurtat għal applikazzjonijiet ta' kwarantina u ta' qabel it-tagħbija għall-esportazzjoni. Għall-perjodu 1 ta' Jannar 2003 sa 31 ta' Diċembru 2003 u għal kull perjodu ta' 12-il xahar wara, kull produttur u importatur għandu jiżgura li l-livell ikkalkulat ta' bromur tal-metil li jqiegħed fis-suq jew juża għalih innifsu għal applikazzjonijiet ta' kwarantina u ta' qabel it-tagħbija għall-esportazzjoni m'għandhomx jaqbżu l-medja ta' livell ikkalkulat ta' bromur tal-metil li jkun qiegħed fis-suq jew uża għalih innifsu għal kwarantina u qabel it-tagħbija għall-esportazzjoni fis-snin 1996, 1997 u 1998.

(b) L-awtorità kompetenti għandha tippubblika rapport annwali fuq il-kwantitajiet ta' bromur tal-metil awtorizzati għall-kwarantina u qabel it-tagħbija għall-esportazzjoni użati fit-territorju tagħha, l-għanijiet għaliex intuża l-bromur tal-metil, u l-progress fl-evalwazzjoni u l-użu ta' alternattivi.

(ċ) L-awtorità kompetenti għandha tieħu mizuri biex tnaqqas il-livell ikkalkulat ta' bromur tal-metil li produtturi u importaturi jistgħu jqiegħdu fis-suq jew jużaw għalihom infushom għal kwarantina u qabel it-tagħbija għall-esportazzjoni fid-dawl tal-provvista teknika u ekonomika ta' sustanzi jew teknoloġiji alternattivi u ta' l-iżviluppi internazzjonali rilevanti taħt il-Protokoll.

(iv) Il-limiti kwantitattivi totali għat-tqegħid fis-suq u l-użu għalihom infushom minn produtturi u importaturi ta' bromur tal-metil huma mniżżlin f'Anness III.

(3) (i) Bla ħsara għas-subregolamenti (4) u (5) u għar-regolament 7(5):

(a) il-livell ikkalkulat ta' idroklorofluworokarbonji li produtturi u importaturi jqiegħdu fis-suq jew jużaw għalihom infushom m'għandux jaqbeż it-total ta':

- 2.6 % tal-livell ikkalkulat ta' klorofluworokarbonji li produtturi u importaturi qiegħdu fis-suq jew użaw għalihom infushom fl-1989, u

- il-livell ikkalkulat ta' idroklorofluworokarbonji li produtturi u importaturi qiegħdu fis-suq jew użaw għalihom infushom fl-1989;

(b) il-livell ikkalkulat ta' idroklorofluworokarbonji li produtturi u importaturi jqiegħdu fis-suq jew użaw għalihom

infushom fil-perjodu 1 ta' Jannar 2002 sa 31 ta' Diċembru 2002 m'għandux jaqbeż 85% tal-livell ikkalkulat kif hemm f'sub-paragrafu (a);

(ċ) il-livell ikkalkulat ta' idroklorofluworokarbonji li produtturi u importaturi jqiegħdu fis-suq jew użaw għalihom infushom fil-perjodu 1 ta' Jannar 2003 sa 31 ta' Diċembru 2003 li produtturi u importaturi qiegħdu fis-suq jew użaw għalihom infushom fl-1989 m'għandux jaqbeż 45% tal-livell ikkalkulat kif hemm f'sub-paragrafu (a);

(d) il-livell ikkalkulat ta' idroklorofluworokarbonji li produtturi u importaturi jqiegħdu fis-suq jew użaw għalihom infushom fil-perjodu 1 ta' Jannar 2004 sa 31 ta' Diċembru 2004 u f'kull perjodu ta' 12-il xahar wara m'għandux jaqbeż 30% tal-livell ikkalkulat kif hemm f'sub-paragrafu (a);

(e) il-livell ikkalkulat ta' idroklorofluworokarbonji li produtturi u importaturi jqiegħdu fis-suq jew użaw għalihom infushom fil-perjodu 1 ta' Jannar 2008 sa 31 ta' Diċembru 2008 u f'kull perjodu ta' 12-il xahar wara m'għandux jaqbeż 25% tal-livell ikkalkulat kif hemm f'sub-paragrafu (b);

(f) produtturi u importaturi m'għandhomx iqiegħdu fis-suq jew jużaw għalihom infushom idroklorofluworokarbonji wara l-31 ta' Diċembru 2009;

(g) kull produttur u importatur għandu jiżgura li l-livell ikkalkulat ta' idroklorofluworokarbonji li jqiegħed fis-suq jew juża għalih innifsu fil-perjodu 1 ta' Jannar 2001 sa 31 ta' Diċembru 2001 u f'kull perjodu ta' 12-il xahar wara m'għandux jaqbeż, bħala perċentwali tal-livelli kkalkulati mniżżlin fis-sub-paragrafu (a), is-sehem perċentwali allokat lilu fl-1999.

(ii) Fil-każ ta' produtturi, il-kwantitajiet li hemm referenza għalihom f'dan is-subregolament għandhom japplikaw għall-ammonti ta' idroklorofluworokarbonji verġni li huma jqiegħdu fis-suq jew jużaw għalihom infushom u li kienu prodotti ġewwa l-istat.

(iii) Il-limiti kwantitattivi totali ta' idroklorofluworokarbonji għat-tqegħid fis-suq jew użu għalihom infushom minn produtturi u importaturi huma mniżżlin f'Anness III.

(4) (i) (a) Subregolamenti (1), (2) u (3) m'għandhomx japplikaw għat-tqegħid fis-suq ta' sustanzi kkontrollati li se jkunu distrutti fit-territorju ta' dan l-Istat b'teknoloġiji approvati mill-Partijiet.

(b) Subregolamenti (1), (2) u (3) m'għandhomx japplikaw għat-tqegħid fis-suq u l-użu ta' sustanzi kkontrollati jekk:

- jintużaw għal *feedstock* jew bħala aġent ta' proċessar; jew

- jintużaw biex ilaħħqu mat-talbiet liċenzjati għal użijiet essenzjali ta' dawk identifikati kif imniżżel fir-regolament 5(1) u biex ilaħħqu mat-talbiet liċenzjati għal kull użu kritiku identifikat kif imniżżel fir-regolament 5(2) jew biex ilaħħqu mat-talbiet għal applikazzjonijiet ta' emergenza temporanji awtorizzati skond regolament 5(2) (ii).

(ii) Subregolament (1) m'għandux japplika għat-tqegħid fis-suq, minn intraprizi minbarra produtturi, ta' sustanzi kkontrollati għall-manutenzjoni jew servis ta' tagħmir ta' tkessiħ u arja kkondizzjonata.

(iii) Subregolament (1) m'għandux japplika għall-użu ta' sustanzi kkontrollati għall-manutenzjoni jew servis ta' tagħmir ta' tkessiħ u arja kkondizzjonata jew fi proċessi tat-teħid tal-marki tas-swaba'.

(iv) Subregolament 1(ċ) m'għandux japplika għat-tqegħid fis-suq u l-użu ta' aloni li jkunu gew irkuprati, riċiklati jew reklamati f'sistemi ta' ħarsien min-nar eżistenti sal-31 ta' Diċembru 2002 jew għat-tqegħid fis-suq u l-użu ta' aloni għal xi użu kritiku kif imniżżel f'Anness VII.

Iżda l-awtorita kompetenti għandha tippubblika rapporti annwali fuq il-kwantitajiet ta' aloni użati għal kull użu kritiku, il-miżuri meħudin għat-tnaqqis ta' emissjonijiet tagħhom u stima ta' tali emissjonijiet, u l-ħidmiet li jkunu qed isiru biex ikunu identifikati u użati alternattivi adegwati:

Iżda wkoll kull sena l-awtorita kompetenti għandha tirrevedi l-użu kritiku elenkat f'Anness VII u, jekk meħtieg, tadotta modifiki.

(v) Minbarra kull użu elenkat f'Anness VII, sistemi ta' ħarsien min-nar u ċilindri għat-tifi tan-nar li fihom l-aloni għandhom jiġu rtirati mill-użu qabel il-31 ta' Diċembru 2003, u l-aloni għandhom ikunu rkuprati skond regolament 16.

(4) Kull produttur jew importatur li hu intitolat li jqiegħed fis-suq jew juża għalih innifsu sustanzi kkontrollati li hemm referenza għalihom f'dan ir-regolament jista' jittrasferixxi dak id-dritt fir-rigward tal-kwantitajiet kollha jew partijiet minnhom ta' dak il-grupp ta' sustanzi stabbiliti skond dan ir-regolament lil kull produttur jew importatur ta' dak il-grupp ta' sustanzi fit-territorju ta' xi stat ieħor. Kull tali trasferiment għandu jkun notifikat minn qabel lill-awtorità kompetenti ta' dak l-istat l-ieħor:

Iżda li t-trasferiment tad-dritt tat-tqegħid fis-suq jew użu m'għandux jimplika d-dritt ulterjuri ta' produzzjoni jew importazzjoni.

(5) L-importazzjoni jew it-tqegħid fis-suq ta' prodotti u tagħmir li fihom klorofluworokarbonji, klorofluworokarbonji totalment alogenati oħra, aloni, tetraklorur tal-karbonju, 1,1,1-trikloroetanu u idrobromofluworokarbonji għandu jkun ipprojbit, bl-eċċezzjoni ta' prodotti u tagħmir li l-użu tas-sustanza kkontrollata rispettiva kien awtorizzat skond is-sub-paragrafu ta' regolament 5 (1) jew hu elenkat f'Anness VII:

Iżda prodotti u tagħmir murija li se jkunu manifatturati qabel id-dhul fis-seħħ ta' dan ir-regolament m'għandhomx ikunu koperti minn din il-projbizzjoni.

Kontroll ta' l-użu ta' idrokloro-fluworokarbonji.

7. (1) Bla ħsara għall-kondizzjonijiet li gejjin, l-użu ta' idroklorofluworokarbonji għandu jkun ipprojbit:

(a) f'erosols;

(b) bħala solventi:

(i) meta użati bħala solventi mhux f'konteniturі inklużi sustanzi li jnaddfu *open-top* u sistemi li jneħħu l-ilma *open-top* mingħajr zoni mkessħin, f'adeżivi u f'aġenti li jitfgħu l-moffa meta ma jintużawx f'tagħmir magħluq, għat-tindif tal-katusi meta l-idroklorofluworokarbonji ma jkunx ġew irkuprati;

(ii) f'kull użu bħala solventi, bl-eċċezzjoni tat-tindif bi preċiżjoni ta' komponenti elettriċi u oħrajn f'applikazzjonijiet ta' l-areospazju u areonawtika li fil-każ tagħhom il-projbizzjoni tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2008;

(ċ) bħala sustanzi li jkessħu:

(i) f'tagħmir prodott wara l-31 ta' Diċembru 1995 għal kull użu li ġej:

- f'sistemi ta' evaporazzjoni diretta mhux fil-magħluq,

- f'refriġeraturi u *freezers* domestiċi,

- f'sistemi ta' arja kkondizzjonata li jaħdmu b'kull mezz ta' enerġija f'vetturi bil-mutur, tratturi u vetturi *off-road* jew *trailers*, minbarra għal xi użu militari li fil-każ tagħhom il-projbizzjoni tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2008,

- f'apparat ta' arja kondizzjonata fi trasport pubbliku fit-toroq,

(ii) f'apparat ta' arja kondizzjonata fi trasport bil-ferrovija, f'tagħmir prodott wara l-31 ta' Diċembru 1997;

(iii) mill-1 ta' Jannar 2000, f'tagħmir prodott wara l-31 ta' Diċembru 1999 għal kull użu li gej:

- fi mħażen għat-tkessiħ u mħażen pubblici u tad-distribuzzjoni,

- għal tagħmir ta' 150 kw u aktar, *shaft input*,

(iv) f'kull tagħmir ta' tkessiħ u arja kkondizzjonata wara l-31 ta' Diċembru 2000, bl-eċċezzjoni ta' tagħmir ta' arja kkondizzjonata mwaħħal li jkollu kapaċità ta' tkessiħ inqas minn 100 kW, li fil-każ tiegħu l-użu ta' idroklorofluworokarbonji jkun ipprojbit mill-1 ta' Lulju 2002 f'tagħmir prodott wara t-30 ta' Ġunju 2002 u ta' sistemi ta' arja kondizzjonata / pompi ta' l-arja riversibbli li fil-każ tagħhom l-użu ta' idroklorofluworokarbonji għandu jkun ipprojbit mill-1 ta' Jannar 2004 fit-tagħmir kollu prodott wara l-31 ta' Diċembru 2003;

(v) mill-1 ta' Jannar 2010 l-użu ta' idroklorofluworokarbonji verġni għandu jkun ipprojbit fil-manutenzjoni u servis ta' tagħmir li jkessaħ u ta' arja kkondizzjonata li jkun jeżisti f'dik id-data; l-idroklofluworokarbonji kollha għandhom ikunu pprojbiti mill-1 ta' Jannar 2015.

(d) għall-produzzjoni ta' foams:

(i) għall-produzzjoni ta' kull xorta ta' foams minbarra foams integrali tal-ġilda li jintużaw f'applikazzjonijiet ta' sigurtà u foams riġidi li jiżolaw;

(ii) mill-1 ta' Ottubru 2000, għall-produzzjoni ta' foams integrali tal-ġilda li jintużaw f'applikazzjonijiet ta' sigurta u foams riġidi li jiżolaw tal-polietilene;

(iii) għall-produzzjoni ta' foams rigidi li jiżolaw tal-polietilene estruži, minbarra meta użati għal trasport iżolat;

(iv) mill-1 ta' Jannuar 2003, għall-produzzjoni ta' foams tal-poliuretanu għal appliances, ta' foams laminati bil-wiċċ flessibbli tal-poliuretanu u ta' panewijiet dobbli tal-poliuretanu, minbarra meta dawn l-aħħar tnejn jintużaw għal trasport iżolat;

(v) mill-1 ta' Jannar 2004, għall-produzzjoni ta' kull xorta ta' foam, inklużi spray u foams li jibblukkaw tal-poliuretanu;

(e) bħala gass trasportatur għal sustanzi ta' sterilizzazzjoni f'sistemi magħluqin, f'tagħmir prodott wara l-31 ta' Diċembru 1997;

(f) fl-applikazzjonijiet l-oħra kollha.

(2) B'mod ta' deroga minn subregolament (1), l-użu ta' idroklorofluworokarbonji għandu jkun permess:

(a) f'użu fil-laboratorji, inklużi riċerka u żvilupp;

(b) bħala *feedstock*;

(ċ) bħala aġent ta' pproċessar.

(3) (a) B'mod ta' deroga minn subregolament (1), l-użu ta' idroklorofluworokarbonji bħala aġenti għat-tifi tan-nar f'sistemi ta' ħarsien kontra n-nar eżistenti tista' tkun permessa biex tiehu post aloni f'applikazzjonijiet elenkati f'Anness VII taħt il-kondizzjonijiet li gejjin:

- aloni li jkunu f'tali sistemi ta' ħarsien kontra n-nar għandhom jinbidlu għalkollox,

- aloni rtirati għandhom ikunu distrutti,

- 70% ta' l-ispejjeż tad-distruzzjoni għandhom ikunu koperti mill-provveditur ta' l-idroklorofluworokarbonji.

(b) L-awtorità kompetenti għandha tippubblika rapporti annwali fuq l-għadd ta' stallazzjonijiet u kwantitajiet ta' aloni milquta.

(4) L-importazzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti u tagħmir li fihom idroklorofluworokarbonji li fir-rigward tagħhom ikun hemm restrizzjoni dwar l-użu taħt dawn ir-regolamenti għandhom ikunu pprojbiti mid-data li fiha r-restrizzjoni dwar użu tidħol fis-seħħ. Prodotti u tagħmir li jidher li huma manifatturati qabel id-data ta' dik ir-restrizzjoni dwar użu m'għandhomx ikunu koperti minn din il-projbizzjoni.

(5) Sal-31 ta' Diċembru 2009, ir-restrizzjonijiet dwar użu taħt dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għall-użu ta' idroklorofluworokarbonji għall-produzzjoni ta' prodotti għall-esportazzjoni għal pajjiżi fejn l-użu ta' idroklorofluworokarbonji f'dawn il-prodotti jkun għadu permess.

(6) L-awtorità kompetenti tista', minħabba fl-esperjenza fl-operat ta' dan ir-regolament jew biex tirrifletti l-progress tekniku, timmodifika l-lista u d-dati mniżżlin f'subregolament (1), iżda f'ebda każ m'għandha ttawwal il-perjodi mniżżlin hawnhekk, mingħajr preġudizzju għall-eżenzjonijiet ipprovduti f'subregolament (7).

(7) L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza eżenzjoni għal żmien limitat u speċifikat biex tippermetti l-użu u t-tqegħid fis-suq ta' idroklorofluworokarbonji b'deroga minn subregolament (1) u regolament 6(3) meta jintwera li, għal xi użu partikolari, ma jinstabux sustanzi alternattivi teknikament u ekonomikament possibbli jew dawn ma jkunux jistgħu jintużaw. L-awtorita kompetenti għandha immedjatament tgħarraf lill-awtorità kompetenti ta' Stati oħra b'kull eżenzjoni mogħtija.

Liċenzji għal importazzjoni minn pajjiżi terzi.

8. (1) (a) L-importazzjoni jew proċessar mad-dħul ta' sustanzi kkontrollati fit-territorju tagħna għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja ta' importazzjoni lill-awtorita kompetenti.

(b) Sustanzi kkontrollati elenkati fi gruppi I, II, III, IV u V bħala mniżżlin f'Anness I m'għandhomx ikunu importati għal ipproċessar mad-dħul.

(2) Il-liċenzja, meta relatata ma' proċedura ta' pproċessar mad-dħul, għandha tinħareġ biss jekk is-sustanzi kkontrollati se jintużaw f'Malta taħt kondizzjonijiet imposti mill-awtorita kompetenti, u bil-kondizzjoni li l-prodotti li jikkompensaw huma riesportati għal Stat fejn il-produzzjoni, konsum jew importazzjoni ta' dik is-sustanza kkontrollata m'humiex ipprojbiti u wara approvazzjoni mill-awtorità kompetenti.

(3) Talba għal liċenzja għandha tiddikjara:

(a) l-ismijiet u l-indirizzi ta' l-importatur u ta' l-esportatur;

(b) il-pajjiż esportatur;

(ċ) il-pajjiż tad-destinazzjoni finali jekk is-sustanzi kkontrollati jkunu se jiġu riesportati;

(d) deskrizzjoni ta' kull sustanza kkontrollata, inkluż:

- id-deskrizzjoni kummerċjali,

- id-deskrizzjoni u l-kodiċi CN kif imniżżel f'Anness IV,

- ix-xorta tas-sustanza (verġni, rkuprata jew reklamata),

- il-kwantità tas-sustanza f'kilogrammi;

(e) l-għan ta' l-importazzjoni proposta;

(f) jekk magħrufin, il-post u d-data ta' l-importazzjoni proposta u, fejn ikun rilevanti, kull bidla f'din l-informazzjoni.

(4) L-awtorità kompetenti tista' titlob ċertifikat li jkun jawtentika x-xorta tas-sustanzi li jkunu se jiġu importati.

(5) L-awtorità kompetenti tista' timmodifika l-lista ta' oġġetti msemmija f'subregolament (3) u f'Anness IV.

Importazzjoni ta' sustanzi kkontrollati minn pajjiżi terzi.

9. L-awtorità kompetenti għandha talloka limiti u kwoti kwantitattivi annwali lil intrapriżi li jimportaw sustanzi kkontrollati.

Iżda dawn għandhom jiġu allokati biss:

(a) għal sustanzi kkontrollati ta' gruppi VI u VIII kif riferit f'Anness I;

(b) għal sustanzi kkontrollati jekk dawn jintużaw għal xi użu essenzjali u kritiku jew għal appplikazzjonijiet ta' kwarantina jew qabel it-tagħbija għall-esportazzjoni;

(ċ) għal sustanzi kkontrollati jekk dawn jintużaw għal *feedstock* jew bħala aġenti ta' pproċessar; jew

(d) lil intrapriżi li għandhom faċilitajiet li jiddistruġġu għal sustanzi kkontrollati rkuprati jekk is-sustanzi kkontrollati jintużaw għad-distruzzjoni f'Malta b'teknoloġiji approvati mill-partijiet.

Importazzjoni ta' sustanzi kkontrollati minn Stat li mhux parti fil-Protokoll.

10. L-awtorità kompetenti għandha tipprojbixxi l-importazzjoni jew l-iproċessar mad-dħul ta' sustanzi kkontrollati u prodotti u tagħmir li fihom sustanzi kkontrollati kif elenkati f'Anness V importati minn xi Stat li mhux parti fil-Protokoll.

Importazzjoni ta' prodotti prodotti bl-użu ta' sustanzi kkontrollati minn Stat li mhux parti fil-Protokoll.

11. L-awtorità kompetenti tista' tippermetti l-importazzjoni ta' prodotti li kienu prodotti bl-użu ta' sustanzi kkontrollati iżda li ma jkunx fihom sustanzi li jistgħu jkunu identifikati possittivament bħala sustanzi kkontrollati u li huma importati minn Stat li mhux parti fil-Protokoll:

Iżda li l-identifikazzjoni ta' tali prodotti għandha tikkonforma mal-parir tekniku mogħti perjodikament lill-Partijiet.

Esportazzjoni ta' sustanzi kkontrollati jew prodotti li fihom sustanzi kkontrollati.

12. (1) L-awtorità kompetenti għandha tipprojbixxi l-esportazzjoni ta' klorofluworokarbonji, klorofluworokarbonji totalment aloġenati oħra, aloni, tetraklorur tal-karbonju, 1,1,1-trikloroetanu u idrobromofluworokarbonji jew prodotti u tagħmir, minbarra oġġetti personali, li jkun fihom dawk is-sustanzi jew li l-funzjonament kontinwu tagħhom ikun jiddependi mill-provvista ta' dawk is-sustanzi:

Iżda li din il-projbizzjoni m'għandhiex tapplika għall-esportazzjoni ta':

(a) sustanzi kkontrollati li jiġu prodotti taħt regolament 5(6) biex jissodisfaw il-ħtiġiet domestiċi bażiċi tal-Partijiet bis-saħħa ta' Artiklu 5 tal-Protokoll;

(b) sustanzi kkontrollati prodotti taħt regolament 5(7) biex jissodisfaw kull użu essenzjali jew kritiku tal-Partijiet;

(ċ) prodotti u tagħmir li jkun fihom sustanzi kkontrollati li jiġu prodotti taħt regolament 5 (5) jew importati taħt regolament 9 (b);

(d) prodotti u tagħmir li jkun fihom l-alonu biex jissodisfaw kull użu kritiku minn dawk elenkati f'Anness VII;

(e) sustanzi kkontrollati biex jintużaw għal applikazzjonijiet għal *feedstock* u aġent ta' pproċessar.

(f) inalaturi b'doża mkejjla u mekkaniżmi biex tingħata din id-doża u li jkun fihom il-kloroflowurkarbonji għal apparat issiġillat ermetikament għall-implantazzjoni fil-gisem uman biex jagħtu dożi mkejjla ta' medikazzjoni li, taħt regolament 6 (1), jistgħu jingħataw awtorizzazzjoni temporanja.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tipprojbixxi l-esportazzjoni ta' bromur tal-metil lil xi Stat li mhux parti fil-Protokoll.

(3) Mill-1 ta' Jannar 2004, l-awtorità kompetenti għandha tipprojbixxi l-esportazzjoni ta' idroklorofluworokarbonji lil xi Stat li mhux parti fil-Protokoll:

Iżda li l-awtorita kompetenti għandha teżamina d-data mogħtija hawn qabel skond ma jirriżulta minn żviluppi internazzjonali rilevanti taħt il-Protokoll u timmodifikaha kif suppost.

Awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni.

13. (1) L-awtorità kompetenti għandha toħrog awtorizzazzjoni bil-miktub għall-esportazzjoni lil intraprizi li jesportaw sustanzi kkontrollati, u tali awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal sena u tista' tiġġedded wara verifika ta' konformità ma' regolament 12.

(2) Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għal esportazzjoni għandha tindika:

(a) l-isem u l-indirizz ta' l-esportatur u tal-prodottur, meta ma jkunx l-istess;

(b) deskrizzjoni ta' kull sustanza kkontrollata maħsuba għall-esportazzjoni, inklużi:

- id-deskrizzjoni kummerċjali,

- id-deskrizzjoni u l-kodiċi CN kif imniżżel f'Anness IV,

- ix-xorta tas-sustanza (verġni, rkuprata jew reklamata);

(ċ) il-kwantità totali ta' kull sustanza li tkun se tiġi esportata;

(d) il-pajjiż jew pajjiżi tad-destinazzjoni finali ta' xi sustanza kkontrollata;

(e) l-għan ta' l-oġġetti esportati.

(3) Kull esportatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti b'kull bidla li tista' ssir tul il-perjodu ta' validità ta' l-awtorizzazzjoni fir-rigward ta' l-informazzjoni notifikata taħt is-subregolament (2). Kull esportatur għandu jirrapporta lill-awtorità kompetenti skond regolament 19.

Awtorizzazzjoni eċċezzjonali għal kummerċ ma' Stat li mhux parti fil-Protokoll.

14. B'mod ta' deroga minn regolamenti 10, 11(1), 12 u 13(2) u (3), kummerċ li jsir ma' xi Stat li mhux parti fil-Protokoll ta' sustanzi kkontrollati u prodotti li jkun fihom jew li jkunu prodotti b'waħda jew aktar mit-tali sustanzi, jista' jkun awtorizzat mill-awtorità kompetenti safejn jigi deċiz minn laqgħa tal-Partijiet li l-Istat li mhux parti fil-Protokoll jkun jikkonforma għalkollox mal-Protokoll u jkun ippreżenta informazzjoni bil-mod kif speċifikat f'Artikolu 7 tal-Protokoll.

Kummerċ ma' territorju mhux kopert mill-Protokoll.

15. (1) Bla ħsara għal kull deċiżjoni meħuda taħt is-subregolament (2), ir-regolamenti 10, 11, 13(2) u (3) għandhom japplikaw għal kull territorju li mhux kopert mill-Protokoll kif japplikaw għal kull Stat li mhux parti fil-Protokoll.

(2) Meta l-awtoritajiet ta' territorju mhux kopert mill-Protokoll jikkonformaw għalkollox mal-Protokoll u jkunu ppreżentaw informazzjoni f'dak is-sens kif speċifikat f'Artikolu 7 tal-Protokoll, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li whud mid-disposizzjonijiet tar-regolamenti 10, 11 u 13 ta' dawn ir-regolamenti, jew kollha kemm huma, m'għandhomx japplikaw fir-rigward ta' dak it-territorju.

Rkuprar ta' sustanzi kkontrollati użati.

16. (1) Sustanzi kkontrollati li jkunu:

- f'tagħmir ta' tkessiħ, arja kkondizzjonata u pompi tas-sħana, minbarra refriġeraturi u *freezers* domestiċi,

- f'tagħmir li jkun fih solventi,

- f'sistemi ta' ħarsien min-nar u apparat tat-tifi tan-nar,

għandhom ikunu rkuprati biex ikunu distrutti b'teknologiji approvati mill-Partijiet jew b'xi teknoloġiji oħra li jiddistruġġu, aċċettabbli mil-lat ta' l-ambjent, jew biex ikunu riċiklati jew reklamati waqt is-servizz u l-manutenzjoni ta' tagħmir jew qabel il-ħatt jew rimi tat-tagħmir.

(2) Sustanzi kkontrollati li jkunu f'refrigerators jew freezers domestiċi għandhom ikunu rkuprati u ttrattati kif provdut fis-subregolament (1) wara l-31 ta' Diċembru 2001.

(3) Sustanzi kkontrollati li jkunu fi prodotti, stallazzjonijiet u tagħmir minbarra dawk imsemmija fis-subregolamenti (1) u (2) għandhom ikunu rkuprati, jekk ikun prattiku, u ttrattati kif hemm ipprovdut fis-subregolament (1).

(4) Sustanzi kkontrollati m'għandhomx jitqiegħdu fis-suq f'kontenituri li jistgħu jintremew, minbarra fil-każ ta' xi użu essenzjali.

(5) L-awtorità kompetenti għandha tieħu passi biex tippromwovi l-irkuprar, riċiklaġġ, reklamazzjoni u distruzzjoni ta' sustanzi kkontrollati u għandha tassenja lil min jużahom, tekniċi tal-proċess tat-tkessiħ u korpi xierqa oħra r-responsabbiltà li jizguraw konformità mad-disposizzjonijiet tas-subregolament (1). L-awtorità kompetenti għandha tiddefinixxi l-ħtiġiet ta' kwalifiki minimi tan-nies involuti.

(6) L-awtorità kompetenti għandha tagħmel rapporti fuq is-sistemi stabbiliti biex jippromwovu l-irkuprar ta' sustanzi kkontrollati użati, inklużi l-faċilitajiet li jistgħu jintużaw u l-kwantitajiet ta' sustanzi kkontrollati użati rkuprati, riċiklati, reklamati jew distrutti.

(7) Dan ir-regolament m'għandux ikun ta' ħsara għar-L.N. 337 ta' 1-2001. Regolamenti ta' l-2001 dwar Permessi u Kontrolli fl-Immaniġġjar ta' l-Iskart, jew għal xi miżuri adottati bis-saħħa ta' regolament 3 ta' dawk ir-regolamenti.

Telf jew ħruġ ta' sustanzi kkontrollati.

17. (1) Għandhom jittieħdu l-miżuri prattiċi ta' prekawzjoni kollha biex jipprevjenu u jnaqqsu kemm jista' jkun telf jew ħruġ ta' sustanzi kkontrollati. B'mod partikolari, tagħmir fiss b'ċarġ fluwidu li jkessaħ ta' aktar minn 3 kilogrammi għandu jkun iċċekkjat ta' kull sena għall-ħruġ tal-fluwidu. L-awtorità kompetenti għandha tiddefinixxi l-ħtiġiet ta' kwalifiki minimi tan-nies involuti.

(2) Il-miżuri prattiċi ta' prekawzjoni kollha għandhom jittieħdu biex jipprevjenu u jnaqqsu kemm jista' jkun ħruġ ta' bromur tal-metil minn stallazzjonijiet u operazzjonijiet ta' fumiġazzjoni li fihom jintuża l-bromur tal-metil. Kull meta l-bromur tal-metil jintuża għall-fumiġazzjoni tal-ħamrija, għandu jkun obbligatorju l-użu ta' membrani virtwalment impermeabbli għal tul ta' żmien suffiċjenti, jew tekniki oħra li jiżguraw mill-inqas l-istess livell ta' ħarsien ambjentali. L-awtorita kompetenti għandha tiddefinixxi l-ħtiġiet ta' kwalifiki minimi tan-nies involuti.

(3) Għandhom jittieħdu l-miżuri prattiċi ta' prekawzjoni kollha biex jipprevjenu u jnaqqsu kemm jista' jkun telf jew ħruġ ta' sustanzi kkontrollati użati bħala *feedstock* u bħala aġenti ta' proċessar.

(4) Għandhom jittieħdu l-miżuri prattiċi ta' prekawzjoni kollha biex jipprevjenu u jnaqqsu kemm jista' jkun telf jew ħruġ ta' sustanzi kkontrollati prodotti bla ħsieb fil-kors tal-manifattura ta' kimiki oħra.

(5) L-awtorità kompetenti għandha tiżviluppa kif inħu xieraq u tiżgura t-tixrid ta' noti li jiddeskrivu l-aħjar teknoloġiji li jistgħu jinsabu u l-aħjar pratki ambjentali li għandhom x'jaqsmu mal-prevenzjoni u tnaqqis kemm jista' jkun ta' telf jew ħruġ u ta' emissjonijiet ta' sustanzi kkontrollati.

Rapporti.

18. (1) Kull sena qabel il-31 ta' Marzu, kull produttur, importatur u esportatur ta' sustanzi kkontrollati għandu jgħaddi lill-awtorità kompetenti informazzjoni kif speċifikat hawn taħt rigward sustanzi kkontrollati fir-rigward tal-perjodu 1 ta' Jannar sa 31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-format ta' dan ir-rapport b'mod illi -

(a) kull produttur għandu jikkomunika:

- l-produzzjoni tiegħu totali ta' kull sustanza kkontrollata,

- kull produzzjoni mqiegħda fis-suq jew użata mill-produttur għalih innifsu, u jidentifika separatament produzzjoni għal *feedstock*, aġent ta' proċessar, kwarantina u tagħbija qabel l-esportazzjoni u kull użu ieħor,

- kull produzzjoni biex tlaħħaq ma' kull użu essenzjali fil-Komunita, li jkollha liċenza skond ir-regolament 5 (4),

- kull produzzjoni awtorizzata taħt ir-regolament 5 (6) biex tissodisfa l-ħtigiet bażiċi domestiċi tal-Partijiet bis-saħħa ta' Artikolu 5 tal-Protokoll,

- kull produzzjoni awtorizzata taħt regolament 5 (7) biex tissodisfa kull użu essenzjali, jew kritiku, tal-Partijiet,

- kull żjieda fil-produzzjoni awtorizzata taħt regolament 5 (8) f'konnessjoni mar-razzjonalizzazzjoni industrijali,

- kull kwantità riċiklata, reklamata jew distrutta,

- ħażniet li jkollu;

(b) kull importatur, inklużi produtturi li jimportaw ukoll, għandu jikkomunika:

- kull kwantità maħruġa importata, u jidentifika separatament sustanzi importati għal *feedstock* u kull użu ieħor bħala aġent ta' pproċessar, għal użijiet essenzjali u kritiċi li jkollhom liċenza skond ir-regolament 5 (4), għal użu għal kwarantina u għal tagħbija qabel l-esportazzjoni u għad-distruzzjoni,

- kull kwantità ta' sustanzi kkontrollati importata taħt il-proċedura ta' proċessar mad-dħul,

- kull kwantità ta' sustanzi kkontrollati importati għal riċiklaġġ jew reklamazzjoni,

- ħażniet li jkollu;

(ċ) kull esportatur, inklużi produtturi li jesportaw ukoll, għandu jikkomunika:

- kull kwantità ta' sustanzi kkontrollati esportati, inkluzi sustanzi li huma riesportati taħt il-proċedura ta' pproċessar mad-dħul, u jidentifika separatament kwantitajiet esportati li kull pajjiż destinatarju u kwantitajiet esportati għal *feedstock* u użu bħala aġent ta' pproċessar, użu essenzjali, użu kritiku, użu għal kwarantina u għal tagħbija qabel l-esportazzjoni, biex ilaħħaq mal-ħtigiet domestiċi bażiċi tal-Partijiet bis-saħħa ta' Artikolu 5 tal-Protokoll u għad-distruzzjoni,

- kull kwantità ta' sustanzi kkontrollati użati esportati għar-riċiklaġġ jew reklamazzjoni,

- ħazniet li jkollu.

(3) Qabel il-31 ta' Marzu ta' kull sena, kull min ikun ġie awtorizzat biex jieħu vantaġġ minn eżenzjoni għal użu essenzjali taħt regolament 5 (1) għandu, għal kull sustanza li għaliha jkun irċieva awtorizzazzjoni, jirrapporta lill-awtorità kompetenti x-xorta ta' l-użu, il-kwantitajiet użati fis-sena ta' qabel, il-kwantitajiet miżmumin bħala ħażna, kull kwantità riċiklata jew distrutta, u l-kwantità ta' prodotti li

jkun fihom dawn is-sustanzi u li jkunu ġew kemm importati kemm esportati.

(4) Qabel il-31 ta' Marzu ta' kull sena, kull intrapriża li kienet awtorizzata biex tuża sustanzi kkontrollati bħala aġent ta' pproċessar għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti bil-kwantitajiet użati tul is-sena ta' qabel u tagħtiha stima ta' l-emissjonijiet li jkunu saru waqt dan l-użu.

(5) L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-passi adatti biex tħares il-konfidenzjalità ta' l-informazzjoni mgħoddija lilha.

(6) L-awtorità kompetenti tista' timmodifika l-ħtiġiet li jridu jkunu rappurtati mniżżlin f'subregolamenti (1) sa (4), biex tissodisfa l-impenji taħt il-Protokoll jew biex ittejjeb l-applikazzjoni prattika ta' dawk il-ħtiġiet li jridu jkunu rappurtati.

Spezzjoni.

19. (1) Fil-qadi tad-dmirijiet assenjati lilha minn dawn ir-regolamenti, l-awtorità kompetenti tista' takkwista l-informazzjoni meħtieġa kollha mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati oħra u minn intrapriżi involuti.

(2) Meta titlob informazzjoni mingħand intrapriża l-awtorita kompetenti għandha toħrog dikjarazzjoni bir-raġunijiet għaliex tkun meħtieġa dik l-informazzjoni.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tagħmel l-investigazzjonijiet neċessarji taħt dawn ir-regolamenti, u għandha wkoll tagħmel kull verifika fuq l-importazzjoni ta' sustanzi kkontrollati b'mod sporadiku.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni xierqa biex tippromwovi skambju adegwat ta' informazzjoni u kooperazzjoni bejn awtoritajiet kemm nazzjonali u kemm internazzjonali.

Sustanzi ġodda.

20. (1) L-awtorità kompetenti għandha tipprojbixxi l-importazzjoni jew l-esportazzjoni u l-ipproċessar mad-dħul, u l-użu ta' sustanzi godda f'Anness II. Din il-projbizzjoni ma tapplikax għal sustanzi ġodda jekk dawn jintużaw bħala *feedstock*.

(2) L-awtorità kompetenti għandha, meta jkun opportun, tagħmel proposti biex tinkludi f'Anness II kull sustanza li mhix sustanza kkontrollata iżda li tkun misjuba mill-Bord ta' Valutazzjoni Xjentifika taħt il-Protokoll bħala li għandha potenzjal sinifikanti li tbattal l-ożonu, inklużi eżenzjonijiet li jistgħu jingħataw b'subregolament (1).

(3) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi lista ta' intrapriżi li fihom għandu ikun permess l-użu ta' sustanzi kkontrollati bħala aġenti ta' pproċessar, waqt li tistabbilixxi livelli ta' emissjoni massima għal kull waħda mill-intrapriżi involuti. Tista' wkoll temenda Anness VI kif ukoll il-lista ta' intrapriżi li hemm referenza għalihom hawn aktar qabel minħabba f'informazzjoni ġdida jew inkella żviluppi tekniċi, inkluża r-reviżjoni li hemm maħsub għaliha fid-Deċiżjoni X/14 tal-Laqgħa tal-Partijiet fil-Protokoll.

Reati.

21. Kull persuna tkun ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti jekk:

(a) tonqos milli tikkonforma ma' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew tonqos milli tikkonforma mal-kondizzjonijiet tal-permess jew ma' xi ordni mogħtija legalment skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikkontravjeni xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) taġixxi b'mod li tikkontravjeni xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) tikkospira jew tipprova, jew tgħin, jew theġġeġ, xi persuna oħra b'xi mezz hu x'inhu, inkluż reklamar, għoti ta' parir jew akkwist biex tikkontravjeni d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew biex tonqos milli tikkonforma ma' xi tali disposizzjonijiet, inkluża kull ordni mogħtija legalment fit-termini ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikkontravjeni xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt ir-regolamenti msemmija.

Pieni.

22. Kull persuna li tagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti tista', meta tinsab ħatja, teħel:

(a) meta tinsab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn ħames mitt lira iżda mhux aktar minn elf lira;

(b) meta tinsab ħatja għat-tieni darba jew aktar, multa ta' mhux inqas minn elf lira, iżda ta' mhux inqas minn elfejn lira jew prigunerija għal żmien mhux izjed minn sentejn, jew dik il-multa u prigunerija flimkien:

Iżda l-qorti għandha tordna lil kull persuna li tkun instabet ħatja li għamlet reat kontra dawn ir-regolamenti biex tħallas l-ispejjeż magħmulin mill-awtorita kompetenti b'riżultat ta' dak ir-reat, ir-revoka

tal-permess maħrug mill-awtorita kompetenti u l-konfiska tal-*corpus delicti*.

Applikabilità ta' Kap 9.

23. (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 23 u 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal proċeduri fir-rigward ta' reati kontra dawn ir-regolamenti, iżda hekk li l-iskwalifika li wieħed ma jżommx jew ma jingħatax liċenza, permess jew awtorita ma tkun f'ebda każ għal inqas minn sena.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, proċeduri fir-rigward ta' reati kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond il-każ, u jitmexxew skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem il-qrati msemmija bħala qrati ta' gudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu jkollu dejjem id-dritt li jappella lill-Qorti ta' Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fir-rigward ta' proċ eduri fir-rigward ta' kull reat kontra dawn ir-regolamenti.

Lingwa ta' l-Annessi.

24. Annessi I sa VII ta' dawn ir-regolamenti qed ikunu ppubblikati bil-lingwa Ingliża mat-test Ingliż ta' dawn ir-regolamenti.

ANNEX I

Controlled substances covered

Group	Substance		Ozone-depleting potential (1)
Group I	$CFCl_3$	(CFC-11)	1.0
	CF_2Cl_2	(CFC-12)	1.0
	$C_2F_3Cl_3$	(CFC-113)	0.8
	$C_2F_4Cl_2$	(CFC-114)	1.0
	C_2F_5Cl	(CFC-115)	0.6
Group II	CF_3Cl	(CFC-13)	1.0
	C_2FCl_5	(CFC-111)	1.0
	$C_2F_2Cl_4$	(CFC-112)	1.0
	C_3FCl_7	(CFC-211)	1.0
	$C_3F_2Cl_6$	(CFC-212)	1.0
	$C_3F_3Cl_5$	(CFC-213)	1.0
	$C_3F_4Cl_4$	(CFC-214)	1.0
	$C_3F_5Cl_3$	(CFC-215)	1.0
	$C_3F_6Cl_2$	(CFC-216)	1.0
	C_3F_7Cl	(CFC-217)	1.0
Group III	CF_2BrCl	(halon-1211)	3.0
	CF_3Br	(halon-1301)	10.0
	$C_2F_4Br_2$	(halon-2402)	6.0
Group IV	CCl_4	(carbon tetrachloride)	1.1
Group V	$C_2H_3Cl_3$ (2)	(1,1,1-trichloroethane)	0.1
Group VI	CH_3Br	(methyl bromide)	0.6
Group VII	$CHFBr_2$		1.00
	CHF_2Br		0.74
	CH_2FBr		0.73
	C_2HFBr_4		0.8
	$C_2HF_2Br_3$		1.8
	$C_2HF_3Br_2$		1.6
	C_2HF_4Br		1.2
	$C_2H_2FBr_3$		1.1
	$C_2H_2F_2Br_2$		1.5
	$C_2H_2F_3Br$		1.6
	$C_2H_3FBr_2$		1.7
	$C_2H_3F_2Br$		1.1
	C_2H_4FBr		0.1
	C_3HFBr_6		1.5
	$C_3HF_2Br_5$		1.9
	$C_3HF_3Br_4$		1.8
	$C_3HF_4Br_3$		2.2

Group	Substance		Ozone-depleting potential (1)
	$C_3HF_4Br_2$		2,0
	C_3HF_5Br		3,3
	$C_3H_2FBr_3$		1,9
	$C_3H_2F_2Br_2$		2,1
	$C_3H_2F_3Br$		5,6
	$C_3H_3F_2Br$		7,5
	$C_3H_3F_3Br$		1,4
	$C_3H_3FBr_2$		1,9
	$C_3H_4F_2Br_2$		3,1
	$C_3H_4F_3Br$		2,5
	$C_3H_4FBr_3$		4,4
	$C_3H_5FBr_2$		0,3
	$C_3H_5F_2Br$		1,0
	C_3H_6FBr		0,8
	$C_3H_5FBr_2$		0,4
	$C_3H_6F_2Br$		0,8
	C_3H_6FBr		0,7
Group VIII	$CHFCl_2$	(HCFC-21) (2)	0,040
	CHF_2Cl	(HCFC-22) (2)	0,055
	CH_2FCl	(HCFC-31)	0,020
	C_2HFCl_4	(HCFC-121)	0,040
	$C_2HF_2Cl_3$	(HCFC-122)	0,080
	$C_2HF_3Cl_2$	(HCFC-123) (2)	0,020
	C_2HF_4Cl	(HCFC-124) (2)	0,022
	$C_2H_2FCl_3$	(HCFC-131)	0,050
	$C_2H_2F_2Cl_2$	(HCFC-132)	0,050
	$C_2H_2F_3Cl$	(HCFC-133)	0,060
	$C_2H_3FCl_2$	(HCFC-141)	0,070
	CH_3CFCl_2	(HCFC-141b) (2)	0,110
	$C_2H_3F_2Cl$	(HCFC-142)	0,070
	CH_3CF_2Cl	(HCFC-142b) (1)	0,065
	C_2H_4FCl	(HCFC-151)	0,005
	C_3HFCl_6	(HCFC-221)	0,070
	$C_3HF_2Cl_5$	(HCFC-222)	0,090
	$C_3HF_3Cl_4$	(HCFC-223)	0,080
	$C_3HF_4Cl_3$	(HCFC-224)	0,090
	$C_3HF_5Cl_2$	(HCFC-225)	0,070
	$CF_3CF_2CHCl_2$	(HCFC-225ca) (2)	0,025
	CF_2ClCF_2CHClF	(HCFC-225cb) (2)	0,033
	C_3HF_6Cl	(HCFC-226)	0,100
	$C_3H_2FCl_5$	(HCFC-231)	0,090
	$C_3H_2F_2Cl_4$	(HCFC-232)	0,100
	$C_3H_2F_3Cl_3$	(HCFC-233)	0,230
	$C_3H_2F_4Cl_2$	(HCFC-234)	0,280
	$C_3H_2F_5Cl$	(HCFC-235)	0,520

Group	Substance		Ozone-depleting potential (1)
	$C_3H_3FCl_4$	(HCFC-241)	0.090
	$C_3H_3F_2Cl_3$	(HCFC-242)	0.130
	$C_3H_3F_3Cl_2$	(HCFC-243)	0.120
	$C_3H_3F_4Cl$	(HCFC-244)	0.140
	$C_3H_4FCl_3$	(HCFC-251)	0.010
	$C_3H_4F_2Cl_2$	(HCFC-252)	0.040
	$C_3H_4F_3Cl$	(HCFC-253)	0.030
	$C_3H_5FCl_2$	(HCFC-261)	0.020
	$C_3H_5F_2Cl$	(HCFC-262)	0.020
	C_3H_6FCl	(HCFC-271)	0.030

(1) These ozone-depleting potentials are estimates based on existing knowledge and will be reviewed and revised periodically in the light of decisions taken by the Parties.
(2) This formula does not refer to 1,1,2-trichloroethane.
(3) Identifies the most commercially viable substance as prescribed in the Protocol.

ANNEX II

New substances

Bromochloromethane

ANNEX III

Total quantitative limits on producers and importers placing controlled substances on the market and using them for their own account in the Community

(calculated levels expressed in ODP tonnes)

Substance For 12-month periods from 1 January to 31 December	Group I	Group II	Group III	Group IV	Group V	Group VI (*) For uses other than quarantine and pre-shipment applications	Group VI (*) For quarantine and pre-shipment applications	Group VII	Group VIII
1999	0	0	0	0	0	8 665		0	8 079
2000						8 665			8 079
2001						4 621	607		6 678
2002						4 621	607		5 676
2003						2 888	607		3 005
2004						2 888	607		2 003
2005						0	607		2 003
2006							607		2 003
2007							607		2 003
2008							607		1 669
2009							607		1 669
2010							607		0
2011							607		0
2012							607		0
2013							607		0
2014							607		0
2015							607		0

(*) Calculated on the basis of ODP = 0.6

ANNEX IV

Groups, Combined Nomenclature 1999 (CN 99) Codes (1) and descriptions for the substances referred to in Annexes I and III

Group	CN 99 code	Description
Group I	2903 41 00	– – Trichlorofluoromethane
	2903 42 00	– – Dichlorodifluoromethane
	2903 43 00	– – Trichlorotrifluoroethanes
	2903 44 10	– – – Dichlorotetrafluoroethanes
	2903 44 90	– – – Chloropentafluoroethane
Group II	2903 45 10	– – – Chlorotrifluoromethane
	2903 45 15	– – – Pentachlorofluoroethane
	2903 45 20	– – – Tetrachlorodifluoroethanes
	2903 45 25	– – – Heptachlorofluoropropanes
	2903 45 30	– – – Hexachlorodifluoropropanes
	2903 45 35	– – – Pentachlorotrifluoropropanes
	2903 45 40	– – – Tetrachlorotetrafluoropropanes
	2903 45 45	– – – Trichloropentafluoropropanes
	2903 45 50	– – – Dichlorohexafluoropropanes
	2903 45 55	– – – Chloroheptafluoropropanes
Group III	2903 46 10	– – – Bromochlorodifluoromethane
	2903 46 20	– – – Bromotrifluoromethane
	2903 46 90	– – – Dibromotetrafluoroethanes
Group IV	2903 14 00	– – Carbon tetrachloride
Group V	2903 19 10	– – – 1,1,1-Trichloroethane (methylchloroform)
Group VI	2903 30 33	– – – Bromomethane (methyl bromide)
Group VII	2903 49 30	– – – – Hydrobromofluoromethanes, -ethanes or -propanes
Group VIII	2903 49 10	– – – – Hydrochlorofluoromethanes, -ethanes or -propanes
	ex 3824 71 00	– – Mixtures containing one or more substances falling within CN codes 2903 41 00 to 2903 45 55.
	ex 3824 79 00	– – Mixtures containing one or more substances falling within CN codes 2903 46 10 to 2903 46 90
	ex 3824 90 95	– – – – Mixtures containing one or more substances falling within CN codes 2903 14 00, 2903 19 10, 2903 30 33, 2903 49 10 or 2903 49 30

(1) An 'ex' before a code implies that other products than those referred to in the column 'Description' may fall under that subheading.

ANNEX V

Combined Nomenclature (CN) codes for products containing controlled substances (*)

1. *Automobiles and trucks equipped with air-conditioning units*

CN codes

8701 20 10 – 8701 90 90

8702 10 11 – 8702 90 90

8703 10 11 – 8703 90 90

8704 10 11 – 8704 90 00

8705 10 00 – 8705 90 90

8706 00 11 – 8706 00 99

2. *Domestic and commercial refrigeration and air-conditioning/heat-pump equipment*

Refrigerators:

CN codes

8418 10 10 – 8418 29 00

8418 50 11 – 8418 50 99

8418 61 10 – 8418 69 99

Freezers:

CN codes

8418 10 10 – 8418 29 00

8418 30 10 – 8418 30 99

8418 40 10 – 8418 40 99

8418 50 11 – 8418 50 99

8418 61 10 – 8418 61 90

8418 69 10 – 8418 69 99

Dehumidifiers:

CN codes

8415 10 00 – 8415 83 90

8479 60 00

8479 89 10

8479 89 98

Water coolers and gas liquefying units:

CN codes

8419 60 00

8419 89 98

Ice machines:

CN codes

8418 10 10 – 8418 29 00

8418 30 10 – 8418 30 99

8418 40 10 – 8418 40 99

8418 50 11 – 8418 50 99

8418 61 10 – 8418 61 90

8418 69 10 – 8418 69 99

(*) These customs codes are given for the guidance of the Member States' customs authorities

Air-conditioning and heat-pump units:

CN codes

8415 10 00 – 8415 83 90

8418 61 10 – 8418 61 90

8418 69 10 – 8418 69 99

8418 99 10 – 8418 99 90

3. *Aerosol products, except medical aerosols*

Food products:

CN codes

0404 90 21 – 0404 90 89

1517 90 10 – 1517 90 99

2106 90 92

2106 90 98

Paints and varnishes, prepared water pigments and dyes:

CN codes

3208 10 10 – 3208 10 90

3208 20 10 – 3208 20 90

3208 90 11 – 3208 90 99

3209 10 00 – 3209 90 00

3210 00 10 – 3210 00 90

3212 90 90

Perfumery, cosmetic or toilet preparations:

CN codes

3303 00 10 – 3303 00 90

3304 30 00

3304 99 00

3305 10 00 – 3305 90 90

3306 10 00 – 3306 90 00

3307 10 00 – 3307 30 00

3307 49 00

3307 90 00

Surface-active preparations:

CN codes

3402 20 10 – 3402 20 90

Lubricating preparations:

CN codes

2710 00 81

2710 00 97

3403 11 00

3403 19 10 – 3403 19 99

3403 91 00

3403 99 10 – 3403 99 90

Household preparations:

CN codes

3405 10 00

3405 20 00

3405 30 00

3405 40 00

3405 90 10 – 3405 90 90

Articles of combustible materials:

CN codes

3606 10 00

Insecticides, rodenticides, fungicides, herbicides, etc.:

CN codes

3808 10 10 – 3808 10 90

3808 20 10 – 3808 20 80

3808 30 11 – 3808 30 90

3808 40 10 – 3808 40 90

3808 90 10 – 3808 90 90

Finishing agents, etc.:

CN codes

3809 10 10 – 3809 10 90

3809 91 00 – 3809 93 00

Preparations and charges for fire-extinguishers; charged fire-extinguishing grenades:

CN codes

3813 00 00

Organic composite solvents, etc.:

CN codes

3814 00 10 – 3814 00 90

Prepared de-icing fluids:

CN codes

3820 00 00

Products of the chemical or allied industries:

CN codes

3824 90 10

3824 90 35

3824 90 40

3824 90 45 – 3824 90 95

Silicones in primary forms:

CN codes

3910 00 00

Arms:

CN codes

9304 00 00

4. *Portable fire extinguishers*

CN codes

8424 10 10 – 8424 10 99

5. *Insulation boards, panels and pipe covers*

CN codes

3917 21 10 – 3917 40 90
3920 10 23 – 3920 99 90
3921 11 00 – 3921 90 90
3925 10 00 – 3925 90 80
3926 90 10 – 3926 90 99

6. *Pre-polymers*

CN codes

3901 10 10 – 3911 90 99

ANNEX VI

Processes in which controlled substances are used as processing agents

— Use of carbon tetrachloride for the elimination of nitrogen trichloride in the production of chlorine and caustic soda.

— Use of carbon tetrachloride in the recovery of chlorine in tail gas from production of chlorine.

— Use of carbon tetrachloride in the manufacture of chlorinated rubber.

— Use of carbon tetrachloride in the manufacture of isobutyl acetophenone (ibuprofen-analgesic).

— Use of carbon tetrachloride in the manufacture of polyphenyleneterephtalamide.

— Use of CFC-11 in manufacture of fine synthetic polyolefin fibre sheet.

— Use of CFC-113 in the manufacture of vinorelbine (pharmaceutical product).

— Use of CFC-12 in the photochemical synthesis of perfluoropolyetherpolyperoxide precursors of Z-perfluoropolyethers and difunctional derivatives.

— Use of CFC-113 in the reduction of perfluoropolyetherpolyperoxide intermediate for production of perfluoropolyether diesters.

— Use of CFC-113 in the preparation of perfluoropolyether diols with high functionality.

— Use of carbon tetrachloride in the production of tralomethrine (insecticide).

Also the use of HCFCs in the above processes when used to replace CFC or carbon tetrachloride.

ANNEX VII

Critical uses of halon

Use of halon 1301:

— in aircraft for the protection of crew compartments, engine nacelles, cargo bays and dry bays.

— in military land vehicles and naval vessels for the protection of spaces occupied by personnel and engine compartments.

— for the making inert of occupied spaces where flammable liquid and/or gas release could occur in the military and oil, gas and petrochemical sector, and in existing cargo ships.

— for the making inert of existing manned communication and command centres of the armed forces or others, essential for national security.

— for the making inert of spaces where there may be a risk of dispersion of radioactive matter.

— in the Channel Tunnel and associated installations and rolling stock.

Use of halon 1211:

— in hand-held fire extinguishers and fixed extinguisher equipment for engines for use on board aircraft.

— in aircraft for the protection of crew compartments, engine nacelles, cargo bays and dry bays.

— in fire extinguishers essential to personal safety used for initial extinguishing by fire brigades.

— in military and police fire extinguishers for use on persons.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – 3, Pjazza Kastilja – *Published by the Department of Information – 3, Castille Place*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern – *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 60c – *Price 60c*